MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 27

Il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 27.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

27.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 27.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

27.2.1 Peress li l-minuti tal-hamsa u ghoxrin u tas-sitta u ghoxrin laqghat tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

27.3.1 Is-Sindku ppropona li ghandha jsir xi haga fuq ir-*roundabout* li hemm fi Triq il-Belvedere u Triq Patri Guzepp Portelli kif ukoll ic-*central strip* li hemm fi Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg peress li x'hin it-trukkijiet iduru maghhom dawn jittellghu fuqhom u qed jaqsmu l-bordura kull darba. Gie deciz li ghandu jigi kkunsultat Perit dwar x'jista jsirilhom biex ma jibqax jigri dan.

27.3.2 Is-Sindku semma li meta l-Qala Saints FC qed juzaw is-sala tal-kommunita, qed ihallu hafna skart warajhom. Huwa qal li tkellem ma Francesco Mumford dwar dan.

27.3.3 Is-Sindku semma li l-GreenPak ser jinstallaw *camera* fejn il-*bring in site* li hemm fi Triq ta' Kassja u daqn ghas-spejjes taghhom. Huwa semma li peress li hemm il-*playing field* Magistrat Salvu Attard fil-vicin, il-*camera* tista` tigi installata b'tali mod li tkun qedha turi lejn id-direzzjoni tal-*playing field* ukoll.

27.3.4 Is-Sindku semma li bhalissa r-rata tas-servizz tal-bulky refuse hija €4.50 kull *item*. Il-Kunsill kien talab stima minghand Maria Magro fejn din qed titlob €5.75 kull *household*. Is-Sindku semma li Emmanel Agius li huwa haddiem assenjat mal-Kunsill ghandu trukk u li ghandu permess sabiex jidhol il-wastesev b'xejn. Huwa ssuggerixxa li ghandu jigi mqabbad Emmanuel Agius sabiex jigbor il-*bulky* hu madwar ir-rahal. Huwa ser jikkuntatjah sabiex jara jekk jaccettax li jaghmel dan ix-xoghol.

27.3.5 Is-Segretarja ressqet lista ta' apparat elettroniku li m'ghadux tajjeb sabiex jigi mghoddi bhala *disposed* u jitnehha minn fuq ir-registru tal-assi tal-Kunsill. Il-lista tikkonsisti f'li gej:

27.3.6 *HP officejet 6110 all in one printer.*
*HP officejet J4580 all in one printer.*
*HP Deskjet 670C printer.*
*HP Deskjet D1660 printer.*
*Monitor* tal-kompjuter mill-qodma.
*Monitor* tal-kompjuter mill-qodma *Mag Innovision.*

27.3.7 Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jigu *disposed*.

27.3.8 Giet mibghuta ittra lill-awdituri RSM Malta bhala risposta ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* li hargu mill-*audit* ta' l-*accounts* tal-Kunsill ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2016.

27.3.9 Giet trattata din il-korrispondenza:

27.3.10 Ittra mibghuta minn Elizabeth Gardner Watson dwar proposta sabiex taghlim il-*Ballet* fil-Qala.

27.3.11 Ordni ta' Servizz fil-Komunita li nghata lil Stephen Mamo li huwa haddiem assenjat mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*.

27.3.12 Ittra mibghuta minn Stefan Riolo *Executive Director* fil-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma dwar il-*water culvert* fil-Qala fejn semma li jekk il-Kunsill huwa interessat li jinstalla l-*water culvert* fil-gemb tat-triq, il-Korporazzjoni imbaghad tiehu l-opportunita sabiex tbiddel il-*pumping main* u jinstallah taht dan il-*culvert*.

27.3.13 Ittra mibghuta minn l-Onorevoli Anthony Agius Decelis Segretarju Parlamentari ghal Persuni b'Dizabilita` u Anzjanita` Attiva, dwar Premju Anzjanita` Attiva 2017.

27.3.14 Cirkulari Cir AKL60 mibghuta mill-President Mario Fava Assocjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Inizzjattiva ta' tindif fil-widien fejn saret applikazzjoni mill-Kunsill, izda wara, din l-inizjattiva kienet miftuha ghall-Kunsill Lokali Maltin biss.

27.3.15 Ittra mibghuta minn Dorianne Ciantar Segretarja fit-Tribunal Ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar seduta numru 47 dwar appell numru 155/17.

27.3.16 Ittra mibghuta minn Stephen Azzopardi dwar il-problema taz-zibel li qedt ikun hemm quddiem Villagg San Guzepp fi Triq it-30 t'Ottubru 1948. Is-Sindku semma li saret tabella b'twissija ghal minn mhux suppost jitfa l-iskart tieghu hemm.

27.3.17 Zewg ittri mibghuta minn Ruben Said *Head* fit-*Transport Malta* f'Ghawdex. Ittra minnhom dwar talba sabiex isiru *double yellow lines* faccata ta' 'Mejlaq Ville', Triq il-Mithna, Qala. Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba. L-ittra l-ohra sabiex *bus stop* li tinsab fi Triq il-Qala, titressaq u tigi installatha fi Pjazza Repubblika. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jsir dan.

27.3.18 Ftehim li sar bejn il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kunsill Lokali dwar l-ghotja ta' €1,000 mill-Ministeru lill-Kunsill ghall-*Qala International Folk Festival 2017*.

27.3.19 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li l-ftehim li gie iffirmat bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar *Day Centre* fil-Qala ma giex emendat kif kien iddecida l-Kunsill fl-ahhar laqgha. Is-Sindku semma li ser jiccekkja dwar dan.

27.3.20 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva kont minghand Jonathan Bajada li joqghod 'Angel', Triq il-Kuncizzjoni, Qala dwar l-organizzazzjoni tat-Tigrija taz-Zwiemel fi Triq l-Imgarr, Qala f'Awwissu 2017. Giet moqrija Direttiva Numru 5/2016 dwar donazzjonijiet li giet mibghuta mid-Direttur (Gvern Lokali) Adrian Mifsud. Gie diskuss li kienet nharget korrispondenza ohra dwar din il-materja. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li din il-materja ghandha terga tigi diskussa fl-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

27.3.21 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mil-11 t'Awwissu 2017 sas-27 ta' Ottubru 2017 minn referenza numru 141/17 sa referenza numru 200/17 (registru tal-

ilmenti ohra) u minn referenza numru 68/17 sa referenza numru 86/17 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

### 27.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

27.4.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

### 27.5 Hrug ta' offerta ghal *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Pjazza San Guzepp.

27.5.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali ser jinghata €9,612 ?mir-Regjun Ghawdex dwar inizjattiva finanzjarja ghall-ghoti mill-gdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabilita` tal-Kunsilli Lokali. Iz-zmien sabiex isir dan ix-xoghol huwa sat-30 ta' Novembru 2017 u ghalhekk is-Sindku semma li ser isir parti minn Pjazza San Guzepp il-parti ta' fejn hemm 'Zeppi's Pub'. Gew ippreparati l-ispecifikazzjonijiet ghal dan ix-xoghol mill-Perit u nharget sejha ghall-offerti ghal dan ix-xoghol. Is-Segretarja semmiet li jridu jigu maghzula l-*evaluators* ghall-*evaluating board* ghal ghazla ta' din l-offerta. Hija semmiet li bhala *Chairman* ser ikun is-Sindku, s-Segretarja ser tkun hi stess. Il-Vici Sindku Jesmond Borg u l-Kunsillier Karl Buttigieg accettaw li joqghodu *evaluators*. Il-Kunsill qabel ma dan.

### 27.6 Hrug tal-offerti ghal servizz ta' *open skips*, gbir tal-iskart domestiku imhallat, provvista ta' konkos u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri tal-ingenji.

27.6.1 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li ser jinhargu l-offerti ghal servizz ta' *open skips*, gbir tal-iskart domestiku imhallat, provvista ta' konkos u xibka tal-hadid, provvista ta' ramel u zrar u kiri tal-ingenji.

### 27.7 Xoghol ta' thammil li kien sar fil-grawnd tal-futbal.

27.7.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva kont minghand Peter Paul Said dwar xoghol ta' thammil/tqattieh tal-grawnd tal-futbal li jammonta ghal €20,352. Huwa semma li fil-minuti tad-29 laqgha tal-Kunsill kien gie msemmi li dan ix-xoghol ser jigi jiswa madwar €4,000. Is-Segretarja qrat il-paragrafu ta' dawn il-minuti. Il-Kunsillier Jesmond Borg semma li fl-*Annual Budget* kien hemm ivotati fondi ghal dan il-progett. Is-Segretarja semmiet li l-progett li kien imsemmi fl-*Annual Budget* ma kienx ghal dan il-progett izda ghal progett iehor. Il-Kunsill unanimament iddecida li ghandu jhallas biss is-somma ta' €4,960 li jkopri xoghol tat-thammil/tqattieh u ma jhallas il-kumplament ta' €15,392 li huwa ghal *truck service*. Gew trattati wkoll il-kontijiet mibghuta mill-Perit Edward Scerri dwar servizzi professjonali inkonnessjoni ma dan il-xoghol. Il-Kunsill qabel li ghandhom jithallsu.

### 27.8 Premju Unur Gieh il-Qala 2017.

27.8.1 Is-Sindku ppropona li Premju Unur Gieh il-Qala din is-sena ghandu jinghata lill-Arcipriet Emeritus Mons. Carmelo Refalo. Huwa semma li diga` kkuntatjah u accetta. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li ghalkemm huwa jaqbel li dan il-premju ghandu jinghata lil Mons. Carmelo Refalo peress li huwa kemm il-darba ssuggerixxa li dan il-premju xi darba ghandu jinghata lilu, l-ghazla ta' persuna jew ghaqda dejjem giet diskussa waqt laqgha tal-Kunsill u dejjem giet

deciza mill-Kunsill u mhux mis-Sindku wahdu. Is-Sindku qal li huwa zbalja. Il-Kunsill iddecida li din is-serata ghandha jsir nhar il-Gimgha 1 ta' Dicembru 2017.

**27.9 Attivitajiet ghal zmien il-Milied.**

27.9.1 Is-Sindku semma li l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2017 ser ikunu jikkonsistu f'serata ghall-familja, Premju Unur Gieh il-Qala u harga ghall-anzjani/nisa. Il-Kunsill iddecida li s-serata ghall-familja ghandha jsir il-Hadd 17 ta' Dicembru 2017.

27.9.2 Gie deciz li l-ikla tal-Kunsill ghandha jsir nhar il-Gimgha 29 ta' Dicembru 2017, fis-7:30 ta' filghaxija. Gie diskuss li l-post ghandu jkun jew Ta' Cenc Hotel jew il-*Brookies Restaurant*.

**27.10 Tizjin bid-dawl ta' Triq it-28 t'April 1688 ghal Milied.**

27.10.1 Is-Sindku semma li ser isir it-tizjin ta' Triq it-28 t'April 1688 bid-dwal tal-Milied mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Josef', Qala. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Karl Buttigieg issuggerixxa li ghandu jsir *audio entertainment* f'din l-istess triq kif ukoll fi Pjazza San Guzepp minn Radju Lehen il-Qala fejn jindaqqu l-*Christmas Carols*. Gie diskuss li dan irnexxa s-sena l-ohra u ghalhekk gie deciz li ghandu jerga jsir din is-sena.

**27.11 Trangar tal-Wied minn fuq il-Wileg.**

27.11.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Godwin Sultana. Huwa semma li huwa kellu kuntatti mal-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jghinu lill-Kunsill fit-tindif ta' widien fil-lokalita` tal-Qala. Fost il-widien li ser jitnaddfu hemm il-Wied li jigi minn fuq il-Wileg kif ukoll wied iehor li jinsab fil-bidu ta' Triq ta' Ghajn Hagar.

**27.12 Stima dwar it-tapiti tal-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' u 'Gnien il-Familja.**

27.12.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Godwin Sultana. Huwa pprepara xi stimi ghal *safety mats* godda kemm fil-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' li gie jammonta ghal madwar €3,000 kif ukoll fi 'Gnien il-Familja' li gie jammonta bejn €6,000 sa €10,000. Dwar il-bdil tal-bandli tal-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard' huwa semma li hemm hafna tipi ta' bandli x'jista` wiehed jixtri. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jara ftit x'tip ta' bandli jixtieq u wara jinforma lil Perit sabiex jipprepara l-ispecifikazzjonijiet mehtiega sabiex isiru is-sejhiet ghal hrug tal-offerti.

**27.13 Qluh tal-pjanti u *gym equipment* tal-Gnien tal-Belvedere.**

27.13.1 Is-Sindku semma li l-pjanti li kienu thawwlu fil-Gnien tal-Belvedere mietu. Huwa semma li dawn insqew kemm il-darba izda qatt ma hadu ruh. Huwa semma li ha parir minghand Dione u dan qal biex jinghataw cans u jibqghu jinsqew sa Ottubru u jekk wara dawn jibqghu l-istess ghandhom jinqalghu. Tal-ELC ukoll issuggerixxew li dawn ghandhom jinqalghu u li ser ihawwlu xtieli godda huma stess. Gie diskuss li hemm gibjun imma dawn ma kinux qed jinsqew peress li s-sistema tal-*irrigation* ma kienitx qed tahdem u li trid tittranga. Is-Sindku semma li s-sistema tad-dawl lanqas kienet qed tahdem sew peress li kienet qedha taqa` s-

salva vita meta kienu qed jixxarbu xi *wires*, izda dan gie solvut ghax instab minn fejn u li din il-problema ser tittranga. Dwar il-*gym equipment* li hemm u li ghandha xi parti nieqsa, s-Sindku semma li talab stima minghand minn nxtara dan l-*equipment* fejn gie mitluba €600. Kif ukoll talab stima minghand xi hadd tal-*welding* u qal li tigi madwar €200. Huwa semma li kieku sew tinqala' imma gie diskuss illi dan ma jistax isir bhalissa peress li huwa progett tal-Unjoni Ewropea u qabel hames snin ma jistax isir dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg staqsa jekk din ghadiex bil-garanzija. Il-Kunsill iddecida li ghandu jara ftit x'jghid il-kuntratt u li jekk tkun bil-garanzija jigi kkuntatjat il-kuntrattur u jekk le tigi rrangatha bl-istima ta' madwar €200 ta' dak tal-welding.

**27.14 *Traffic management* fejn is-salib fi Triq il-Kuncizzjoni u l-*junction* fi Triq il-Qala, Triq il-Mithna, Triq in-Nadur u Triq San Guzepp.**

27.14.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Godwin Sultana li ta spejgazzjoni tal-pjanti li huwa pprepara dwar diversi *options* ghal *traffic management* fejn is-salib fi Triq il-Kuncizzjoni. L-ewwel *option* hi li jsir xi tip ta' bankina wiesgha mal-postijiet li bicca tkun bil-mattoncina u bicca minnha *soft area*. Huwa semma wkoll li s-salib irid jitressaq xi ftit. Gie diskuss li jista` jkun li jrid jintalab xi permess minn *Heritage Malta* u l-kurja dwar jistax jitharrek is-salib. Ghalhekk gie deciz li l-ewwel isiru l-kuntatti dwar is-salib u imbaghad il-Kunsill jara minn hemm. It-*tieni option* hija ta' *traffic management* biz-zebgha fit-triq.

27.14.2 Il-Perit ta spejgazzjoni wkoll tal-pjanta li huwa pprepara dwar il-*junction* li hemm fi Triq il-Qala, Triq il-Mithna u Triq in-Nadur u Triq San Guzepp. Huwa semma li din it-*traffic management* kull ma ha tkun tikkonsisti hija zebgha mal-art. Il-Kunsill qabel ma din il-pjanta?

**27.15 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.**

27.15.1 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-pagamenti bir-referenza SP1/2017. I-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

**27.16 Mozzjonijiet.**

27.16.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**27.17 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

27.17.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija.

Konfermati illum il-Gimgha 12 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |